# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni Numru 63/2018

Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino

Vs

Joseph Attard

Il-Qorti

Rat li l-imputat Joseph Attard ta' 42 sena iben Victor u Lorraine xebba Franklin mwieled Pieta nhar 14/8/1975 u residenti gewwa Triq Carmelo Rosario Dimech, Hal-Ghaxaq u detentur tal-karta tal-Identita' numru 457275(M) u akkuzat talli f'xi matul il-lejl ta' bejn it 8 u 9 ta` Ottubru 2017 minn gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katerina Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun.

1. Ikkommetta serq ta' artefatti u cioe` zewg kuruni tal-fidda minn fuq l-istatwa titulari kif ukoll xi flus f'muniti kontanti minn gewwa l-kaxxi tal-ghotjiet , liema serq huwwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin , u bil-lok ghad-dannu tal-Arcipriet Dun

Nicholas Pace u /jew Persuni jew socjetajiet ohrajn skond artikoli 261(b)(c)(e)u (f) , 263(a)(b), 267, 269(a), 270, 279(a),280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Xjentement jew b'negligenza nuqqas ta' hila jew ta' osservvanza ta' regolamenti ikkaguna dannu lil jew qered proprjeta kulturali sew jekk tali propjeta kulturali hija jew m'hijiex registrata f'xi inventarju bi ksur tal- Art 53(10(a) tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Volontarjament hassar , ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta'hsara ma tiskorriex mitejn u hamsin ewro( ewro 250) u dan ghad-detriment tal-arcipriet Dun Nicholas Pace u /jew persuni jew socjetajiet ohrajn u/jew persuna ohra skond 325(1) (b);

U akkuzat ukoll talli f'xi matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta` Awwissu 2003 minn gewwa l-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fi Triq Santa Katrerina, Zejtun:

4. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti : apparat Hi Fi u prodotti tat-tabakk liema serq huwa kkwalifikat fil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Mario Farrugia u/jew persuni jew socjetajiet ohrajn skond artikoli 263(a), 264.267 270 279(a) 280 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara tammonta ghal mhux izjed min ewro 250 ghad-dannu ta' Mario Farrugia u/jew persuni jew socjetajiet ohrajn skond Art 325(1)(c)
6. Finalment nakkuzah talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula

F’kaz ta’ sejbin ta’ htija il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-imputat li waqt l-ezami jwiegeb li mhux hatja tal-Imputazzjonijiet migjuba semghathu wkoll iwiegeb li mhux hati waqt l-ezami li sar fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2018 wara li gewipprezentati imputazzjonijiet emendati.

Rat li l-Ufficjal prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament fit-18 ta Jannar 2018;

Rat l- kunsens tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijeit ta’ Malta dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li fit- 30 ta’ Jannar 2018 gie ammess bhala parte civile Mario Farrugia;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fl-1 ta` Dicembru 2020;

Rat li d-difiza ghalqet il-provi taghha fis-17 ta’ Lulju 2021;

Rat n-nota ta’ sotomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni;

Rat li l-kawza differita ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Illi gew ezebiti Dok SB1  Certifikat tat- twelid tal-Imputat, Fedina Penali Dok SB2, Kunsens tal-Avukat Generali Dok SB3, Dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-jedd ghall-parir legali Dok SB 4, Statement tal-Imputat;

Dok SB 5 u Current Incident report Dok SB 6 u Incident Report DOk SB 7.

Illi gie ezebiet fit-30 ta` Jannar 2018 il-Process Verbal li gie minghand l-Avukat Generali fit-22 ta Jannar 2018 li kien redatt mill- Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera.

Xehed Mario Farrugia li xehed li kien barman tal-Kazin Nazzjonalista taz-Zejtun fejn mar biex jiftah il-Hadd filghodu go data li ma jiftakarx fil- 2003 u sab kullimkien sgassat u mar jaghmel rapport l-Ghassa. Kienu insterqu stereo minn go l-bar, sigaretti u flus kif ukoll mill- magni sgassati. Kellmuh il-pulizija fuq il-post. Il-hsara trangat mill- kumitat u personalment kienu serqu a dannu tieghu xi hames mitt lira Maltin(LM500). L-affarijiet misruqa kienu tieghu. Id-danni kienu saru lill-kazin li trangaw. Rigwardanti Dok 03 CBT 101 tal-Proces Verbal gharaf li kien il-faccata tal-Partit Nazzjonalista. Kienu dahlu mill-bejt ghax il-bieb kien zgassat, u gharaf id-Dok 03 CBT 103 u 104 bhala dar biswit il-kazin u CBT 114 u 115 il-bieb tal-bejt tal-kazin Dok CBT 137 u 125 kienu ritratti tal-cash register. L- kexxun maqlugh minn postu kien fejn kien hemm il-flus li naqsu. Dok CBT131 tirreferi ghall- *amusemenet games* li kienu naqqsu l-flus minnhom. Dan a skapitu ta' min kien iforni l-*amusement games*. Kien jiehu pecsentagg minnhom hu izda ma kienx jaf l-ammont li naqas. Rigwardanti ritratt 128 dan *billiard* sgassat li l-flus li naqsu kienu ghad-detriment tal-kazin. Dok CBT 135 turi kassa tad-donazzjonijiet li imkissra ukoll u ll-flus li naqas minn hemm a skapitu tal-kazin. Dok CBT 124 vetrina tal-bar li warajh kienu jidhlu hu u il-mara tieghu biss. Hu kien jahdem hemm biss u l-cash tal-Kazin imissha hu biss u l- mara. Ix-xhud indika lill-imputat li lejliet l-incident kien gie jirrimarka fuq il-bar, flimkien ma persuni ohra. Intqal diskors socjevoli.Ma kienux parruccana.

In-kontro-ezami spjega dwar l-access ghall-bieb tal-bejt . Kien partikolari fis-sens li wiehed jista' johrog ghal fuq il-bejt izda ma jidholx mill-bejt minnu.  Ma ftakarx la d-data u lanqas l-istagun ta` meta sehh l-incident.  Gie mistoqsi li jekk ma jiftakarx dawn id-dettalji kif jaghraf persuna.  Ghax kien qed jitkellem maghhom.  Ma kienx l-ewwel darba li gie xi hadd jammira l-post.

PS 1429 Eric Mangion li iffirma fuq kull pagna Dok SB 6 a fol 45 et seq.  Ir-rapport kien fuq rapport li sar minn Father Nicholas Pace fid-9 ta' Ottubru 2017 u dwar l-izgass li sab u oggetti neqsin u ma kellu xejn x'izid mar-rapport.  Rigwardanti Dok SB7 a fol 48 et seq iffirma kull pagna u ikkonferma li kien rapport maghmul minnu.Dan rapport li sar fl-24 ta Awissu 2003 minn Mario Farrugia l-Ghassa ta z-Zejtun.

Dr Nicholas Pace xehed u ezebixxa Dok NP 1 Ritratt. Hu Arcipriet ta' z-Zejtun fejn saret is-serqa mill-istatwa ta' l-Madonna tar-Ruzarju u affarijiet ohra li insterqu minn xi kaxxi.  Bejn lt-8 u 9 ta Ottubru 2017, qalulu li insterqu xi affarijiet cempillu Charles Camilleri .Insterqu zewg kuruni tal- fidda minn idejn Il-Bambin u l-Madonna.Dok NP1 Statwa tal-Madonna ta' Ruzarju. Il-valur tal-kuruni kien ta` xi Ewro hames mija  (Ewro 500). Il-kuruni ta` valur jinzammu fis-safe. Gew zgassati minn gewwa xi bibien tal-kampnar. Kien hemm xi sittin lira Maltin flus fil-kaxxi (LM60) li insterqu.  Biex jitrangaw il-kaxxi  ma kienx jaf kemm kienet ser tigi u l-bibien issewwew bla hlas. Ix-xhud ma gharaf lil hadt fl-awla.

Patrick Piscopo xehed li hu r-Rettur li jiehu l-fratellanza ta'r-Ruzarju u affarijet ohra.  Gharaf li Dok NP1 bhala ritratt  ta' l-Madonna tar-Ruzarju armata fil-knisja taz-Zejtun u l-kuruni li jidhru huma li jiswew hames mitt ewro li xtrathom ommu .  Dawn li insterqu.  Kien hemm il-kaxxa tad-donazzjonijiet ukoll sgassata u vojta.

Xehdet Dr Dr Marisa Mifsud li ittraskriviet l-istatment ta' Joseph Attard.

Xehdet Joanna Farrugia, Probation Officer li kienet qed issegwi lill-Imputat fuq Provisional Treatment Order u dwar l-andament tal-istes diversi drabi.

PS 586 Mario Azzopardi u WPS 293 Michelle Camilleri ikkonfermaw bil-gurament d-Dok MC rapport redatt minnhom dwar l-inkarigu taghhom tad-9 ta Ottubru 2017.

L-Ispettur Baldacchino ezebixxa Dok ASB 1 sa Dok ASB 3 sentenzi fil-konfront tal-imputat.

Dr Claire Bartolo irtirat il-kampjuni tad-DNA DOK 17CG202 sa 205 a fol 234 tal-process u irtirat Dok MC apparti li hadet l-kampjuni tad-DNA mehtiega mill-imputat. Hi ukoll li ezebiet Dok CB

Dr Marisa Cassar Ipprezentat DOk MC;

Gayle Debono xehdet dwar l-andament tal-imputat fis-sessjonijiet li kellu maghha;

Dr Joseph Saliba xehed dwar l-andament tal-imputat fi-sessjonijiet li kellu mieghu;

Illi mill- Proces verbal jidher li l-spejjez tal-esperti kienu ta` LM 108.10 c / Euro 250.79 li thallsu lil Dr Ludvic Caruana, LM 84 /Euro 194.88 li thallus lil PS 1189 Patrick Grech u PS198 Debattista u Euro 666 lil Joseph Attard . Komplessivament Euro1112.11 . Il- Qorti uzat *conversion rate* ta' 2.32

**Ikkunsidrat**

Illi rigwardanti r-raba' u l-hames akkuzi dwar incident li sehh gol-Kazin tal-Partit Nazzjonalista bejn it-23 u 24 ta` Awissu, 2003,

jirrizulta mir-rapport redatt mill-espert Joseph Mallia (fol 57 sa 84 tal-proces Verbal) li meta komparati diversi lifters jidher li huma komparabbli ma` impronti digitali ta' id l-imputat.

Illi Mario Farugia xehed rigwardanti l-valur tal-oggetti misruqa u dwar hsarat li garrab.

Illi rigwardanti l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi ,rigwardanti dak li sehh bejn it-8 u 9 ta` Ottubru 2017 go l-Knisja Parrokkjali ta' z-Zejtun Dun Nicholas Pace xehed dwar l-valur ta' dak li kien naqas u d-danni subiti. Ma ingabhux provi sufficenti rigwardanti t-tieni akkuza;

Illi mir-rapport ta` Dr Clair Bartolo u Dr Marisa Cassar jirrizulta li l-kampjuni li ittiehdu kienu jaqblu mal-kampjun genetici tal -imputat.

Gew ezebiti ukoll s-sentenzi Dok ASB 1, Dok ASB 2 u Dok ASB 3 rigwardanti s-sitt akkuza ta` recidiva tal-imputat.

Illi I-provi forensici f'dawn il-proceduri huma tali li jintlahaq il-livell ta' provi oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer [1] jigi elaborat li "il-livell ta' provi hu dak il-grad li ma jhalli l-ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta` dubju".

Irrizulta ukoll mill-process verbal l-ispejjez dwar l-esperti nominati li saru waqt l-inkjesta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li l-Qorti rat l-artikoli 261(b)(c)(e)u (f) , 263(a)(b),264, 267, 269(a), 270, 279(a),280(2) 325(1)(b) u 49, 50 u

[1] Deciza fil-5 ta'Dicembru 1997

289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Art 53(1) (a) tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. issib l-imputati hati tal-ewwel, tielet, raba`, hames u sitt akkuzi u bl-addebitu tar-recidiva tikkundannah komplessivament ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin. Minn dan iz-zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien illi ghamel taht arrest preventivi in konnessjoni mal-kawza odjerna.
2. Ma issibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah mill-istess.

Ai termini tal- artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali l-imputat hu ikkundanat ihallas ir-Registru Kriminali l-ispejjez peritali ammontanti ghal Euro1112.11 fi- zmien sitt xhur.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**